# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Illum, il-Gimgha, 14 ta` Gunju, 2002**

**Numru**

**Mandat ta` Inibizzjoni: 6/02**

**Noel u Carlotta konjugi Mallia**

**vs**

**Alphonse u Maria konjugi Anastasi**

Dan il-provvediment gie provokat b`rikors ta` l-20 ta` Marzu 2002 fejn ir-rikkorrenti talbu lil din il-Qorti biex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati in kawtela tal-kreditu pretiz minnhom biex b`hekk l-intimati jigu inibiti milli jbieghu, jitrasferixxu jew jiddisponu taht kwalunkwe titolu l-villa 'Sevenoaks' fi Triq Santa Marija, Maghtab limiti tan-Naxxar, li, skond ir-rikorrenti, hija l-unika assi li ghandhom l-intimati biex ikunu jistghu jissodisfaw il-kreditu tar-rikorrenti. Dettalji precizi tal-kreditu allegat ta` l-istess rikorrenti, li bhala sorte jammonta ghas-somma ta` Lm7613.89 huma moghtija fir-rikors promotur.

B`digriet tat-12 t`April 2002 din il-Qorti kienet provizorjament laqghet it-talba tar-rikorrenti, filwaqt li ordnat notifika lill-kontro-parti bi zmien moghti ghar-risposta.

Fir-risposta taghhom tad-9 t`April 2002 l-intimati jsostnu li huma qatt ma kellhom l-intenzjoni li jbieghu dik li hija, fil-fatt, id-dar residenzjali taghhom, u ghalhekk, "stante l-intenzjoni tajba taghhom ma ghandhom l-ebda oggezzjoni li jkun hemm l-inibizzjoni mitluba". Isostnu, di piu`, li t-talba kienet wahda vessatorja w inutili.

Dan is-sentiment gie repetut mill-intimat Alphonse Anastasi tramite d-difensur tieghu fis-seduta tad-29 ta` Mejju 2002 f`liema data l-Qorti kienet appuntat ir-rikors ghas-smiegh u, ghalhekk, f`din is-seduta giet ventilata l-kwistjoni ta` min kellu jkun responsabbli ghall-ispejjez ta` dawn il-proceduri.

Effettivament, finalment, gie miftiehem bejn l-avukati prezenti (Dr Franco Vassallo ghar-rikkorenti u Dr Joseph Brincat ghall-intimati) li l-Qorti setghet tilqa` it-talba odjerna b`riserva ta` l-ispejjez ghall-gudizzju finali.

A bazi ta` dan il-verbal u wkoll a tenur ta` l-atti processwali din il-Qorti qeghda ghalhekk tikkonferma f`dan l-istadju d-digriet provvizorju taghha

u tilqa` it-talbiet tar-rikorrenti kif proposti. L-ispejjez ta` dawn il-proceduri invece huma rizervati ghall-gudizzju finali fuq il-mertu.

Dep/Reg.

gs